MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2006

Numru. 553/2004

Il-Pulizija
(Spettur Silvio Valletta)
(Spettur Ramon Merieca)
vs
Guido Whitelaw, Ikhal Haddawi Ismial u
Rueben Xuereb

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra t-tlett imputati fuq imsemmija, li permezz taghhom huma gew akkuzati :
(a) talli f'dawn il-gzejjer fil-lejl ta' bejn it-2 ta' Lulju 2004 u it-3 ta' Lulju, 2004 minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor u cioe' George Borg mill-Furjana f'periklu car, ikkagunaw offiza gravi li ggib sfregju gravi u permanenti fil-wicc, fil-ghonq, jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz skond ma ccertifika Dr Joseph Galea MD tac-Centru tas-Sahha l-Furjana;

(b) U aktar talli fl-istess data u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkagunaw offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Borg mill-Furjana skond ma ccertifika Dr Joseph Galea MD tac-centru tas-Sahha l-Furjana;
(c) U qaktar talli fl-istess data cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil xi persuna u cioe' George Borg kontra l-volonta tieghu, jew taw l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata mizmuma jew sekwestrata, liema persuna arrestata, mizmuma, jew sekwestrata giet offiza fuq il-persuna kif ukoll mhedda bil-mewt liema delitt sar ukoll bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra, jew biex persuna ohra u cioe' l-imsemmi George Borg tkun mgieghla taccetta li taghmel xi trasferiment ta' hwejjigha;

U ukoll lil Guido Whitelaw wahdu :

(d) Talli f'xi jum matul l-perjodu ta' bejn it-2 ta' Gunju 2004 u x-xhur ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
(e) Kif ukoll talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, hedded serjament lil Nadesh Micallef b'arma tan-nar;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lit-tlett imputati fuq imsemmija jiddikjaraw li ma kellhom l-ebda oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet lit-tlett imputati fuq imsemmija debitament assistiti volontarjament jirregistraw ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u dan waqt is-seduta tal-15 ta' Lulju, 2004.

Rat id-digriet taghha li permezz tieghu, fuq talba tad-difiza, hatret lill-Ufficjal tal-Probation Marietta Lanzon sabiex thejji pre sentencing inquiry report fil-konfront tal-imputat Guido Whitelaw.

Ikkunsidrat :

Illi fit-2 ta’ Lulju tas-sena 2004 ghall-habta tan-nofs il-lejl neqsin hames minuti certa Nadesh Micallef flimkien ma missierha irrapportat l-ghassa l-Belt li filwaqt illi kienet qeghda f’bar sitwat fi Triq Saint Francis il-Furjana bl-isem ta’ The Family Bar mal-boyfriend taghha George Borg dahlu zewg individwi u hatfu lil dan George Borg. Nadesh Micallef iddentifikat wiehed minn dawn iz-zewg persuni li semmiet bhala Guido Whitelaw u qalet li l-persuna l-ohra kienet x’aktarx ta’ nazzjonalita Gharbija, izda ma kienitx taf min kienet. Nadesh Micallef kompliet tghid lill-pulizija li fuq in-naha ta’ barra kien hemm certu Rueben Xuereb l-imputat l-iehor li ma kienx dahal fil-hanut u qalet ukoll li fil-hin li George kien qed jilghab il-billiard dawn iz-zewg persuni dahlu u qalu lil George biex imur maghhom.  Dan beda joffri resistenza, izda huma gibduh u haduh ‘il barra u dahhluh fil-karozza li skond hi x’aktarx kienet Peugeot ta’ lewn griz.  Is-Surgent Tarpey PS 1417 kompla hu bl-investigazzjonijiet u f’qasir zmien irnexxielu jarresta lil Guido Whitelaw mill-lokalita tan-Naxxar.  L-Ispettur Ramon Mercieca dahal l-ghassa ghall-habta tas-siegha u nofs ta’ filghodu fejn sab lil George Borg hemm hekk u dan irrilaxxja stqarrija lill-pulizija, kif ghalhekk ukoll Nadesh Micallef.  George lahaq mar ukoll il-polyclinic tal-Furjana u gie iccertifikat li kellu griehi serji peress li kellu sinna nofsha imtajjra u kellu xi girfa fuq xuftejh.  George kien qal lill-pulizija li Guido Whitelaw beda jallega li hu kien seraqlu xi affarijiet fosthom television, xi pistola u xi zewg mobile phones.  George Borg spejga ukoll lill-pulizija li kien ilu jahdem ma Guido Whitelaw madwar sena bhala handyman.  Mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni irrizulta li George Borg kien rega’ gie arrestat mill-pulizija u it-tieni darba kien biddel xi ftit il-verzjoni tieghu peress illi ammetta illi fil-fatt kien seraq xi affarijiet ghad-detriment ta’ Guido Whitelaw.

Ikkunsidrat :

Illi kemm George Borg, kif ukoll Nadesh Micallef, it-tnejn dehru l-Qorti xehdu bil-gurament u hafru lit-tlett imputati ta' dak illi gara. George Borg xehed illi t-tlett imputati meta ghamlu ghalih ma kellhom l-ebda senter u qal illi Ismial kien sawwtu bil-ponn, izda Whitelaw u Xuereb ma kienux sawtuh. Nadesh Micallef xehdet illi hija disposta li tahfer lit-tlett imputati ta' dak kollu li gara.

Illi irrizulta wkoll illi l-pulizija fittxew ghall-pistola li issemmiet, izda il-pulizija ma sabu l-ebda pistola fil-proprjeta jew fuq il-persuna ta' Guido Whitelaw.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti hatret lid-dentist Dr Ivan Padovani sabiex jezamina lil George Borg u jirrelata lura lill-Qorti dwar il-griehi li sofra minnhom l-imsemmi George Borg meritu ta' dan l-incident.

Illi irrizulta mix-xhieda ta' Dr Ivan Padovani illi l-griehi li sofra minnhom George Borg kienu teknikament ta' natura gravi, pero' ta' skala mill-aktar minima u ippreciza illi fuq skala ta' bejn 0 u 10 forsi jikklasifika il-griehi bhala 1.

Ikkunsidrat :

Illi kemm il-Prosekuzzjoni, kif ukoll id-Difiza fid-dawl tax-xhieda illi ta Dr Ivan Padovani qablu illi l-feriti gravi jinkwadraw ruhhom fit-terminu tal-Artikolu 216 tal-Kap. 9 u mhux fit-terminu tal-Artikolu 218 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi kemm l-imputat Ismial Ikhal Haddawi, kif ukoll Rueben Xuereb ghandhom fedini penali netti, izda dan mhuwiex il-kaz fil-konfront tal-imputat Guido Whitelaw.

Illi ghalhekk sar il-"pre sentencing inquiry report" ta' Marietta Lanzon.

Illi irrizulta mill-istess pre sentencing inquiry report illi Guido Whitelaw huwa bniedem tan-negozju, ghandu siehba u ghandhom ukoll tifel. Irrizulta wkoll illi Giudo Whitelaw esprima d-dispjacir tieghu mal-Ufficjal tal-Probation talli b'xi mod setgha kien aggressiv mal-vittma u jinsab konxju ta' l-izbalji li ghamel u lest illi jirrimmedja l-hsara maghmula minnu fil-konfront tas-socjeta'. L-Ufficjal tal-Probation irrakkomandat illi ma tinghatx piena ta' prigunerija peress li din tista tkun ta' detriment fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tat-tlett imputati fuq imsemmija ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, il-Qorti tiddikjarahom hatja ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara illi rat l-Artikoli 216, 86 u 87 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-imputati kollha u fil-konfront ta' Guido Whitelaw rat ukoll l-Artikoli 5, 6, 7, 9, 14, 15, 16, 17 u 18 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 28 A tal-Kap. 9, qeghda tikkundanna lill-imputat Guido Whitlaw ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilita tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' erba' snin.

Illi fir-rigward tal-imputati Ikhal Haddawi Ismial u Rueben Xuereb il-Qorti wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kap 446, qeghda tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hatja bir-responsabbilta taghhom skond il-Ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kundizzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------